MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2015

Numru. 163/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Brendan Cachia**

**Kumpilazzjoni Nru: 163/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Brendan Cachia, ta' 27 sena, bin Joseph u Pauline nee' Spiteri, imwieled Pieta' fis-27 ta' Jannar 1987, residenti gewwa Blk C Flt 9, Wesgha Mattia Preti, Birgu u detentur tal-Karta ta' l-Identita' Maltija numru 75487(M).

Akkuzat talli:-

1. Fil-31 ta' Lulju 2012 ghall-habta tas-2.30pm u jew fil-perjodu ta' qabel din id-data, waqt li kien fl-inhawi tal-Birgu u jew f'dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta' cheque book mahrug mill-HSBC ghad-dannu ta' Marzio Filippo Capece Minutolo Del Sasso detentur tal-karta tal-Identita' 74786(A) liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-persuna u xorta ta' haga misruqa.
   Fl-istess perjodu kkommetta serq bl-istess cheque book ta' aktar min €232.97 izda anqas minn €2329.37 ghad-dannu ta' diversi persuni u l-bank kummercjali HSBC, liema serq huwa kkwalifikat, bil-valur u xorta ta' haga misruqa.

2. U aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien f'dawn il-gzejjer ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzajonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom ghad-dannu ta' diversi persuni u l-bank kummercjali HSBC.

3. U aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien f'dawn il-gzejjer xjentament ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza ghad dannu ta' Marzio Filippo Capece Minutolo Del Sasso detentur tal-karta tal-identita' 74786(A) u l-bank kummercjali HSBC.

4. U aktar talli fl-istess perjodu ta’ zmien f’dawn il-gzejjer b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ ntraprizi foloz jew ta’ hila setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar grajja kimerika ghamel qliegh ta’ aktar minn €500 izda anqas minn €5000 bi hsara ta’ Marzio Filippo Capece Minutolo Del Sasso detentur tal-karta tal-Identita’ numru 74786(A) u l-bank kummercjali HSBC.

5. U aktar talli fl-istess perjodu ta’ zmien f’dawn il-gzejjer iffalsifika cedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas jew jiehu kunsinna ta’ oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank, jew stabbiliment pubbliku, jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf b’xi att pubbliku tal-Gvern.

6. U aktar talli fl-istess perjodu ta’ zmien f’dawn il-gzejjer ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentament ghamel uzu minn dokument falsifikat u cioe’ cheque book mahruga minn awtorita pubblika ghad dannu ta’ Marzio Filippo Capece Minutolo Del Sasso detentur tal-karta tal-identita’ 74786(A) u l-bank kummercjali HSBC.

Rat l-artikoli 167, 183, 184, 189, 261(b)(c)(g), 263, 267, 271, 308, 309, 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni annke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu min-naha u l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stradju bikri ta' dawn il-proceduri min-naha l-ohra. Hadet in kunsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputat beda programm ta' riabililtazzjoni mill-vizzju tad-droga u jkun opportun li jkollu l-opportunita li jkompli dan il-programm.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 167, 183, 184, 189, 261(b)(c)(g), 263, 267, 271, 308, 309, 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjopdu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dik li jkompli sa tmiemu l-programm gia mibdi.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------